MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 728/1990/1

**Victor Agius**

**vs**

**Charles Cassar, bhala Direttur u ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjetà Champalin Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz taghha l-attur, wara illi ppremetta illi b'konvenju datat it-3 ta' Lulju 1989 - fotokopja annessa u immarkata bhala Dok 'A' - il-konvenut nomine ipprometta

u obbliga ruhu li jbiegh u jittrasferixxi lill-attur li ipprometta u obbliga ruhu li jixtri u jakkwista minghand il-konvenut nomine z-zewg *sites* fabbrikabbli adjacenti u kontigwi markati bin-numri sebgha (7) u tmienja (8) tal-kejl ta' 205.00 metri kwadri l-wahda, f'Marsascala, kontrada 'tal-Bidni' skond pjanta annessa ma' l-istess konvenju, li gie imgedded sat-18 ta' Jannar 1990, bil-prezz ta' erbat elef liri Maltin (Lm4000) pagabbli f'xoghol u materjal fi zmien sentejn mid-data tal-konvenju, li minnhom digà gie maghmul u installat xoghol fil-valur ta' tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin liri Maltin, tnejn u tletin centezmi (Lm3494.32) skond fotokopji annessi u immarkati Dokumenti, 'B', 'C', 'D', 'E' u 'F'; illi l-konvenut nomine, nonostante interpellat sabiex jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku relattiv permezz ta' l-ittri ufficjali tat-22 ta' Novembru 1989, u tas-17 ta' Jannar 1990, dana baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi; talab ghaliex dika l-Qorti m'ghandhiex: 1. tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minnha jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku relattiv abbazi tal-konvenju fuq referit u esebit; 2. tinnomina Nutar biex jippubblika l-att relattiv; 3. tinnomina kuraturi ghall-eventwali kontumaci; 4. tiffissa l-post, gurnata u hin ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi; kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi; bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-22 ta' Novembru 1989 u tas-17 ta' Jannar 1990 kontra l-konvenut nomine ngunt ghas-subizzjoni tieghu; salv kull azzjoni ohra li tista' tkun kompetenti lill-attur skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. L-esponent ma ghandux ir-rappresentanza tas-socjetà imsemmija;

2. Minghajr pregudizzju ta’ l-ewwel eccezzjoni l-attur, bla ebda dritt u kontra l-volontà ta’ l-esponent, dahal fl-art in kwistjoni u beda jibni fiha;

3. Illi x-xoghol pretiz maghmul mill-attur u mnizzel fid-dokument ezibit mac-citazzjoni ma jiswix is-somma li qed jippretendi tieghu;

Barra eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine,ipprezentata fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ April, 1990, illi permezz taghha eccepixxa illi l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kienet inkompetenti *ratione materiæ*;

Rat is-sentenza ta’ l-24 ta’ April, 1990 illi permezz taghha l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili iddikjarat ruhha inkompetenti *ratione materiæ*, kif ukoll is-sentenza ta’ dina l-Qorti tas-sitta (6) ta’ Gunju, 1990 illi permezz taghha gie deciz illi kompetenti illi tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza kienet l-allura Qorti tal-Kummerc;

Rat is-sentenza tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Mejju, 2000 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:

“… il-qorti taqta’ l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta u tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur: tikkundanna lis-socjetà konvenuta tidher fuq kuntratt biex tbiegh lill-attur l-artijiet imsemmija fil-kitba tat-3 ta’ Lulju 1989, bil-pattijiet stipulati fl-istess kitba, b’dan illi l-prezz ghandu jizdied b’elf lira (Lm1,000) flok ic-cens imsemmi fl-ewwel patt, u dawn jithallsu fi flus fuq il-kuntratt; u b’dan ukoll li l-attur ghandu jhallas il-bqija tal-prezz, li tigi elf u hames mitt lira u tmienja u disghin centezmu (Lm1,500.98). Jekk is-socjetà konvenuta, bin-nota imsemmija fuq, taghzel li tithallas fi flus, dawn jithallsu fuq il-kuntratt; jekk tithallas f’xoghol u materjal, il-hlas isir sa mhux aktar tard minn xahrejn wara li jsir il-kuntratt. Il-kuntratt ghandu jsir nhar il-Gimgha l-1 ta’ Settembru 2000 fl-10.00 *a.m*. fil-bini

tal-qorti. Il-qorti tahtar lin-Nutar Dr. Christopher Gatt biex jircievi u jippublika l-att, u tahtar lill-Avukat Dr. Veronica Galea Debono bhala kuratrici biex tiffirma f'isem min ma jidhirx fuq l-att.

"L-ispejjez gudizzjarji u d-drittijiet tal-kuratrici thallashom is-socjetà konvenuta, l-ispejjez ta' l-att u d-drittijiet tan-nutar ihallashom l-attur; it-taxxa fuq dokumenti u t-taxxa fuq qligh kapitali jithallsu skond il-ligi";
u dan wara illi kkunsidrat hekk:

"Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza graw hekk:

"B'kitba tat-3 ta' Lulju 1989 il-partijiet intrabtu li s-socjetà konvenuta taghti lill-attur b'titolu ta' enfitewsi perpetwa, u bl-obbligazzjoni tal-fidi tac-cens, l-immobbli msemmija fic-citazzjoni. Fost il-pattijiet tal-ftehim hemm it-tielet wiehed, li jghid hekk:

3. Bil-prezz ta' LM4,000 pagabbli f'xoghol u materjali zmien sentejn millum.

"Il-ftehim ighid ukoll illi 'l-konvenju jaghlaq' fit-3 ta' Dicembru 1989, ghalkemm wara ggedded sat-18 ta' Jannar 1990.

"Ghalkemm is-socjetà konvenuta, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, qieghda tghid li l-kopji tal-konvenju li hemm fil-process ma humiex l-ahjar prova tal-konvenju, ghax kien imissu jingieb l-original, il-qorti hija sodisfatta illi l-kopja, li hija awtentikata min-Nutar Maurice Gambin, hija tassew kopja vera, u ghalhekk ma hix sejra tqis aktar din l-oggezzjoni tas-socjetà konvenuta.

"Billi s-socjetà konvenuta ma resqitx biex tidher fuq l-att pubbliku, l-attur sejhilha b'ittra ufficjali u, wara, fetah din il-kawza. Ma hux kontestat li l-proceduri saru fiz-zmien li jaghtu l-art. 1357(2) u 1514 tal-Kodici Civili.

"L-attur qal li, sa dak in-nhar li ipprezenta c-citazzjoni, kien hallas, f'xoghol u materjal, tlitt elef, erba' mija u erbgha u disghin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm3,494.32). Il-

periti gudizzjarji irrelataw illi, meta tqis xi xoghol li sar hazin u l-ispejjez tax-xogholijiet rimedjali, il-prestazzjonijiet ta' l-attur jiswew biss elfejn erba' mija u disgha u disghin lira u zewg centezmi (Lm2,499.02).

"Is-socjetà konvenuta qieghda tghid illi l-konvenju ma ghadux jorbotha ghax, ladarba l-attur ma hallasx il-prezz kollu miftiehem, mela ma harisx l-obbligazzjoni tieghu u jibda jsehh il-patt kommissorju tacitu li jholl il-ftehim. Il-qorti, izda, taqbel ma' l-attur li ma kienx marbut li jhallas il-prezz kollu qabel ma jsir il-kuntratt. Dan jidher car mill-konvenju stess, ghax waqt li l-kuntratt kellu jsir sat-3 ta' Dicembru 1989, li wara ggedded sat-18 ta' Jannar, 1990, l-attur kellu sentejn mill-konvenju, *i.e.* sat-3 ta' Lulju 1991, biex ihallas. Fi kliem iehor, it-trasferiment kellu jsir qabel il-hlas.

"Is-socjetà konvenuta, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, qalet illi mix-xhieda hareg illi l-attur dahal fl-art, ghalkemm ghadha ma hix tieghu, u ghamel xi bini fuqha. Dan huwa wkoll il-meritu tat-tieni eccezzjoni taghha. Fin-nota ta' osservazzjonijiet is-socjetà konvenuta kompliet tfisser illi b'din l-eccezzjoni riedet tghid illi l-eghmil ta' l-attur 'kien ta' wiehed li qed iqis li huwa digà hallas il-prezz ta' l-art (avolja qabel l-att notarili) u li ghalhekk ma fadallux xoghol x'jiskonta kontra l-imsemmi prezz u allura lanqas ma seta' kien qed jesigi zmien (dak tas-sentejn) favur tieghu ghall-esekuzzjoni tax-xoghol … … … fi ftit kliem rinunzja tacita taz-zmien originarjament intiz favur tieghu'.

"Dan huwa argument assurd.

"L-attur xehed li dahal fl-art tas-socjetà konvenuta bi ftehim maghha, izda wkoll jekk tassew l-attur dahal fl-art kontra r-rieda tal-[socjetà] konvenuta, ir-rimedju taghha kien ikun azzjoni ta' spoll, u mhux li tifhem li b'hekk l-attur ghamel 'rinunzja tacita' ghall-beneficcju taz-zmien. Tassew illi s-socjetà konvenuta qieghda, fi kliemha stess, *clutching at straws*!

"Naturalment, illum ghadda z-zmien li kellu l-attur biex ihallas izda baqa' sallum ma hallasx; dan, izda, ma hux

nuqqas li jista’ jwassal biex jinhall il-ftehim. Is-socjetà konvenuta kellha tittrasferixxi l-artijiet qabel ma l-attur ihallasha; is-socjetà konvenuta naqset milli tidher fuq il-kuntratt, u, billi *inademplenti non est adimplendum*, l-attur kellu jedd li jibqa’ ma jhallasx sakemm ikun sar il-kuntratt.

“Il-qorti lanqas ma tara li ghandu xi relevanza ghall-meritu essenzjali ta’ din il-kawza l-fatt li lill-attur deherlu li l-prestazzjonijiet tieghu kienu jiswew aktar minn kemm qalu l-periti li jiswew; naturalment, l-attur ikollu jhallas id-differenza bejn il-prezz miftiehem u kemm tassew jiswew il-prestazzjonijiet tieghu, izda billi hu ippretenda li dawn il-prestazzjonijiet jiswew aktar milli fil-fatt jiswew, b’hekk ma ghamilx qerq li bis-sahha tieghu s-socjetà konvenuta tista’ twaqqa’ l-ftehim taht l-art. 981(1) tal-Kodici Civili.

“Il-qorti ghalhekk hija tal-fehma li t-talbiet ta’ l-attur ghandhom jintlaqghu, b’dan li ghandu jhallas il-bqija tal-prezz miftiehem.

“L-ewwel wiehed fost il-pattijiet tal-konvenju jghid hekk:

1. Bil-kunsens tal-kompratur il-kumpanija timponi favur taghha cens annwu u perpetwu ta’ Lm50.00 li jinfeda fi zmien hames (5) snin bil-5% u bid-dritt tal lawdemju u pagabbli mill-15/6/89.

“Billi issa z-zmien ta’ hames snin ghadda, flok jinholoq cens li jinfeda l-prezz ghandu jizdied, fi flus, b’elf lira (Lm1,000), li jigi daqs il-prezz ta’ fidwa ta’ hamsin lira (Lm50) bil-hamsa fil-mija (5%).

“L-attur ghandu wkoll ihallas id-differenza bejn erbat elef lira (Lm4,000) u elfejn erba’ mija u disgha u disghin lira u zewg centezmi (Lm2499.02), jew elf u hames mitt lira u tmienja u disghin centezmu (Lm1,500.98), b’zieda ma’ l-elf lira (Lm1,000) imsmmija fuq. L-elf u hames mitt lira u tmienja u disghin centezmu (Lm1,500.98) ghandhom jithallsu f’xoghol u materjal, skond il-ftehim. Izda, billi l-attur kien ghamel xi xoghol li ma kienx ta’ kwalità tajba, il-qorti taghti lis-socjetà konvenuta l-ghazla li titlob li dan il-hlas ukoll isir fi flus; is-socjetà konvenuta ghandha

ghalhekk, b'nota fi zmien xahar minn meta din is-sentenza ssir finali tghid tridx tithallas fi flus jew f'xoghol u materjal. Fil-kaz li ma taghmilx din in-nota titqies li ghazlet li tithallas f'xoghol u materjal skond il-ftehim, u f'dan il-kaz l-istima ta' kemm ghandu jaghti xoghol u materjal l-attur biex ikun hallas issir mill-A.I.C. Michael Refalo, u l-attur ihallas id-dritt tal-perit ghal din l-istima.

"Naturalment, billi l-art baqghet sallum tas-socjetà konvenuta, ma hemmx arretrati ta' cens x'jithallsu mill-attur."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjetà konvenuta illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talbet hekk:

"… li dina l-Onorabbli Qorti TIRREVOKA s-sentenza appellata, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur Agius. Sussidjarjament, u bla pregudizzju ghal dan, jekk ghal xi raguni dina l-Qorti ma tilqax dina t-talba *in toto* jew *in parte*, hija mitluba *tirriforma* dik is-sentenza: tant (a) fil-ammont li ghandu jithallas mill-attur dwar it-trasferiment koncernat billi l-figura ta' elf lira fidi tac-cens tigi raddoppjata ghar-ragunijiet premessi naxxenti mill-Klawsola 5 tal-iskrittura impunjata Dok. A, u tant (b) billi l-attur jigi dikjarat debitur f'ammont ta' mitt lira (Lm100) fias-sena (rata annwa skond l-art. 5 fuq citat), ghal hdax-il (11) skadenza minn Gunju 1990 sa Gunju 2000, b'kollox Lm1100 (elf u mitt lira). U oltre dan, fil-kaz tat-tieni ipotesi, l-ispejjes kollha tal-ewwel u tat-tieni istanza huma xorta wahda mitluba kontra l-attur, li, kieku mexa bl-onestà mal-konvenuti [*sic*] ma kienx ikollu jaghmel il-proceduri li ikkagunaw tant spejjes";

Rat ir-risposta ta' l-attur appelat illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi l-appell tas-socjetà konvenuta appellanti jigi michud u respint u illi tigi konfermata s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà konvenuta appellanti;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi fil-paragrafu enumerat wiehed (1) tar-rikors ta’ appell taghha s-socjetà konvenuta tiddikjara illi hija qed tinterponi appell mid-digriet ta’ l-ewwel Qorti tat-tmintax (18) ta’ Marzu, 1997 (fol. 94), moghti wara rikors ta’ l-istess socjetà konvenuta pprezentat fl-ghoxrin (20) ta’ Frar, 1997. Però, minn ezami ta’ l-istess rikors ta’ appell jirrizulta illi s-socjetà konvenuta la talbet illi tali digriet jigi revokat u wisq anqas talbet lil dina l-Qorti sabiex tipprovdi b’xi mod, differenti minn kif ipprovdiet l-ewwel Qorti, dwar l-imsemmi rikors ta’ l-20 ta’ Frar, 1997. Ghaldaqstant, dina l-Qorti ma tistax tiehu konjizjoni ulterjuri ta’ dak sottomess fil-paragrafu enumerat wiehed (1) tar-rikors ta’ appell;

Ikkunsidrat:

Illi fil-paragrafu enumerat (8) tar-rikors ta’ appell s-socjetà konvenuta ghamlet talba sabiex, bl-iskop illi tipprova illi l-konvenju in kwistjoni huwa null, tesibixxi dokument datat sittax (16) ta’ Gunju, 1989. Dwar dan id-dokument s-socjetà konvenuta appellanti tghid hekk fl-istess paragrafu 8: “… ghax kien beza minn xi rapprezalja, il-konvenut Charles Cassar ma kienx informa lill-avukati tieghu bih, u lanqas ressqu fl-ewwel istanza”. Fid-dawl ta’ din id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta - illi timporta illi fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti il-konvenut kien jaf bl-ezistenza ta’ dan id-dokument - it-talba tas-socjetà konvenuta ghall-produzzjoni ta’ dan id-dokument ghandha, u effettivament qed, tigi michuda. Tajjeb illi jinghad ukoll, fir-rigward, illi s-socjetà konvenuta ma esibietx dan id-dokument flimkien mar-rikors ta’ appell (art. 145, Kap. 12) u illi ma jirrizultax illi jirrikorri xi wiehed - jew izjed - mic-cirkostanzi previsti fl-artikolu 150 tal-Kap. 12;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tas-socjetà konvenuta kontra s-sentenza appellata tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju, 2000 huma s-segwenti:

1. Illi l-fatt illi fl-att ta' citazzjoni l-attur ippremetta illi kien già esegwixxa xoghol ghas-socjetà konvenuta illi jiswa tlett elef, erbgha mija u erbgha u disghin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm3494.32) meta, fil-fatt, il-periti teknici mahtura mill-ewwel Qorti irrelataw illi l-veru valur ta' dan ix-xoghol huwa ta' elfejn, erbgha mija u disgha u disghin lira u zewg centezmi (Lm2499.02), jammonta ghal "eghmil doluz tal-Attur";

2. Illi l-ewwel Qorti kkonkludiet hazin illi *ai termini* tal-konvenju in kwistjoni sad-data kontemplata ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relativ l-attur ma kienx tenut jesegwixxi ghas-socjetà konvenuta xoghol tal-valur ta' erbat elef lira (Lm4000);

3. Illi, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… is-socjetà Champalin Company Limited qatt ma setghet tirratifika l-konvenju u tersaq ghall-Att Notarili taht cirkostanzi ingusti bhal dawk fuq imsemmija" (fl-aggravji 1. u 2.);

4. Illi oltre l-elf lira (Lm1000) illi l-ewwel Qorti ordnat lill-attur sabiex ihallas lis-socjetà konvenuta, rapprezentanti l-kapitalizzazjoni skond il-ligi tac-cens ta' hamsin lira (Lm50) fis-sena illi, skond il-konvenju, kellu jigi impost fuq l-artijiet in kwistjoni, l-attur kellu jigi kundannat ihallas somma addizzjonali ta' hames mitt lira (Lm500) u dana peress illi, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… l-attur kellu JIBDA ihallas dak ic-'cens' sa mill 15 ta' Gunju 1989 … Dik il-Qorti qalet li, ladarba l-proprjetà kienet baqghet f'idejn is-socjetà konvenuta allura ma hemmx lok ta' hlas tac-cens. B'hekk , f'kawza li ilha sejra ghaxar (10) snin, il-konvenuti gew IMCAHHDA UKOLL MINN: Lm50 x Lm10";

Ikkunsidrat:

Illi dak illi qed tissottmetti s-socjetà konvenuta permezz ta' l-ewwel (1) aggravju taghha già gie sottomess -

ghalkemm fi kliem differenti - mill-konvenut fil-paragrafu enumerat hamsa (5) tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu pprezentata fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar, 2000 (fol. 183 sa 187). Dwar din is-sottomissjoni, fis-sentenza appellata jinghad hekk:

"Il-qorti lanqas ma tara li ghandu xi rilevanza ghall-meritu essenzjali ta' din il-kawza il-fatt li lill-attur deherlu li l-prestazzjonijiet tieghu kienu jiswew aktar minn kemm qalu il-periti li jiswew; naturalment, l-attur ikollu jhallas id-differenza bejn il-prezz miftiehem u kemm tassew jiswew il-prestazzjonijiet tieghu, izda billi hu ippretenda li dawn il-prestazzjonijiet jiswew aktar minn kemm fil-fatt jiswew, b'hekk ma ghamilx qerq li bis-sahha tieghu s-socjetà konvenuta tista' twaqqa' l-ftehim taht l-art. 981(1) tal-Kodici Civili." (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Dina l-Qorti taqbel perfettament ma' dik illi qalet l-ewwel Qorti u illi ghadu kemm gie citat u, konsegwentement, qed tirrespingi bhala infondat l-ewwel (1) aggravju tas-socjetà konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi anqas it-tieni (2) aggravju tas-socjetà konvenuta ma huwa fondat ghaliex qalet tajjeb l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata illi:
"Is-socjetà konvenuta qieghda tghid illi l-konvenju ma ghadux jorbotha ghax, ladarba l-attur ma hallasx il-prezz kollu miftiehem, mela ma harisx l-obbligazzjoni tieghu u jibda jsehh il-patt kommissorju tacitu li jholl il-ftehim. Il-qorti, izda, taqbel ma' l-attur li ma kienx marbut li jhallas il-prezz kollu qabel ma jsir il-kuntratt. Dan jidher car mill-konvenju stess, ghax waqt li l-kuntratt kellu jsir sat-3 ta' Dicembru 1989, li wara ggedded sat-18 ta' Jannar 1990, l-attur kellu sentejn mill-konvenju, *i.e.* sat-3 ta' Lulju 1991, biex ihallas. Fi kliem iehor, it-trasferiment kellu jsir qabel il-hlas" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi huwa evidenti illi, la darba gie dikjarat illi l-ewwel zewg (2) aggravji tas-socjetà appellanti huma nfondati, ma hemmx lok illi jigi trattat it-tielet (3) aggravju ta' l-istess socjetà;

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx wisq x'jinghad dwar ir-raba' (4) aggravju tas-socjetà konvenuta. Il-pretensjoni ta' din is-socjetà, illi l-attur ghandu jhallas Lm500 addizzjonali ghaliex, minhabba "kawza li ilha sejra ghaxar (10) snin, il-konvenuti gew IMCAHHDA UKOLL minn: Lm50 x Lm10)", tirrazenta l-isfaccjatagini. Infatti, dina l-kawza saret ghaliex is-socjetà konvenuta, minghajr gustifikazzjoni, naqset illi tersaq ghall-publikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment *ai termini* tal-konvenju in kwistjoni. L-effetti ta' dan in-nuqqas ghandha tbatihom biss is-socjetà konvenuta; inoltre, kif qalet l-ewwel Qorti ma jistax ikun dovut cens jekk mhux b'kuntratt;

Ghalhekk, anqas ir-raba (4) aggravju tas-socjetà konvenuta ma jimmerita akkoljiment;

Ikkunsidrat:

Illi, ghall-kompletezza, tajjeb illi jigi registrat illi, fid-dawl ta' dak illi ghadu kemm inghad dwar ir-raba' (4) aggravju tas-socjetà konvenuta, ma hemmx lok illi jigi trattat dak illi ssottomettiet din is-socjetà fil-paragrafu enumerat sebgha (7) tar-rikors ta' appell taghha;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socjetà konvenuta u billi tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-kuntratt ghandu jsir nhar il-Gimgha, sitta (6) ta' Frar, 2004 fl-ghaxra ta' filghodu (10.00 a.m.) fil-bini tal-Qorti;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------